MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 1247/2009

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

Vs

Dominic Cuschieri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’numru 0712161M, akkuzat talli:

1. nhar it-23 ta’ Novembru, 2009, ghal habta ta’ nofsinhar, mill-ufficcju ta’ l-agenzija ta’ l-inxurens Elmo, li jinsab fil-font Nru. 48, Triq Bieb is-Sultan, gewwa Bormla, ikkommetta s-serq ta’ Fujitsu Siemens, mudell Lifebook u bin-numru tas-serje: YBDM0151490902 u liema valur tal-laptop jammonta ghal 500 ewro, ghad-dannu ta’ Norman Brown u persuni ohra u liema serq hu kkwalifikat bil-valur.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta is-serq ta’ dongle tal-kumpanija GO, mudell Bandluxe u bin-numru tas-serje mhux maghrufa, ghad-dannu ta’ Norman Brown u persuni ohra.
3. nhar it-23 ta’ Novembru, 2009, xjentement, f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u xjentement, b’kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.
4. sar recidiv ai termini ta’ l-Art. 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi mghotija mill-Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzat huwa mixli b’serq aggravat bil-valur (taht l-€1000), ta’ ricettazzjoni u li huwa recidiv. Mill-atti tal-process jirrizulta wisq car li jreggi kontra l-akkuzat is-serq izda mhux ukoll ir-ricettazzjoni li hija in alternattiva. Mill-bqija tirrizulta r-recidiva stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu.

Tiddikjarah ghalhekk hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjoni. Tilliberah mit-tielet.

Rat l-Artikolu 261(c), 267 u 279(i), 49, 50 tal-Kap 9.

Tikkundannah sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------